MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 578/2005/1

**Noel u Marion konjugi Attard**

**v.**

**Frank Paul u Glorianne konjugi Sammut**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentaw l-atturi fis-17 ta' Gunju 2005 u li taqra hekk:

> "Illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-fond bl-isem "Florentina", fi Triq in-Namur, l-Iklin, liema fond jinsab adjacenti ghall-fond proprjeta tal-konvenuti, jew min minnhom, u cioe` l-fond bl-isem "Il-Gnejna", fi Triq in-Namur, l-Iklin.
>
> "Illi l-konvenuti recentement esegwew xoghlijiet ta' kostruzzjoni konsistenti f'kostruzzjoni ta' *aviary* u zieda fl-gholi tal-hajt divizorju.
>
> "Illi z-zieda fl-oghli tal-hajt divizjorju hija esagerata, intiza sabiex tivvessa lill-atturi u xxekkilhom fit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom u ghalhekk giet ezegwita *in mala fede* u b'abbuz ta' dritt li l-konvenuti jippretendu li ghandhom.
>
> "Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ibaxxu l-hajt divizorju ghal-livell originali jew ghal livell ragonevoli li ma jikkawzax danni lill-atturi izda baqghu inadempjenti.
>
> "Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-
>
> > "1. Tiddikjara li z-zieda fl-gholi tal-hajt divizorju giet ezegwita mill-konvenuti *in mala fede* u b'abbuz ta' dritt li jippretendu li ghandhom.

"2. Tistabbilixxi, okkorrendo bl-ghajnuna ta' periti nominandi, l-gholi tal-hajt divizorju, liema gholi jkun ragonevoli u jikkawtela d-drittijiet u bzonnijiet rispettivi tal-kontendenti.

"3. Tkkundanna lill-konvenuti sabiex, fi zmien qasir u perentorju, jbaxxu l-hajt divizorju ghal-livell stabbilit skont it-tieni (2) talba.

"4. Tawtorizza lill-atturi sabiex, fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dak lilhom ordnat, u taht id-direzzjoni ta' periti nominandi, jaghmlu huma x-xoghlijiet mehtiega a spejjez tal-istess konvenuti.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali f'Jannar 2005, u bir-riserva ghad-danni sofferti mill-atturi, inkluz kull telf fil-valur li sofriet il-proprjeta` taghhom, kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi t-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress illi:-

"a) Il-konvenuta Glorianne Sammut ma hijiex mart il-konvenut Frank Paul Sammut, izda bintu u ma hijiex is-sid tal-proprjeta` in kwistjoni u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

"b) Ix-xoghlijiet ezegwiti mill-konvenut huma skont il-ligi u bil-permessi kollha mehtiega u ghalhekk il-talbiet attrici huma insostenibbli.

"2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza:

"... ... billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tillibera lil Glorianne Sammut mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

"1. Tiddikjara li z-zieda fl-gholi tal-hajt divizorju giet ezegwita mill-konvenut *in mala fede* u b'abbuz ta' dritt li jippretendi li ghandu u dan fir-rigward ta' dak indikat fil-paragrafi (a) indikata bhala l-gholi tal-hajt bejn il-proprjetajiet rIspettivi tal-partijiet fuq il-parti ta' wara tal-hajt divizorju (Dok. "IKL 01" sa Dok. "IKL 06") u (b) indikata bhala l-gholi tal-hajt fuq l-*aviary* ta' wara (Dok. "IKL 15" sa Dok. "IKL 20") liema gholi jvarja minn 4 sa 6 filati, tal-konsiderazzjonijiet ta' din is-sentenza.

"2. Tistabbilixxi l-gholi tal-hajt divizorju, li huwa ragonevoli u jikkawtela d-drittijiet u bzonnijiet rispettivi tal-kontendenti li huwa dak ta' tmien (8) filati fil-kaz tal-parti tal-hajt indikata bl-ittra (a) indikata bhala l-gholi tal-hajt bejn il-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet fuq il-parti ta' wara tal-hajt divizorju f'din is-sentenza, u li ghandha titnehha dik il-parti tal-hajt indikata bhala zejda fil-parti indikati bl-ittra (b) indikata bhala l-gholi tal-hajt fuq l-*aviary* ta' wara u dan fejn l-istess hajt gie mgholli mill-konvenut kollox kif indikat fil-konsiderazzjonijiet ta' din is-sentenza

"3. Tikkundanna lill-konvenut Frank Paul Sammut sabiex, fi zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u taht is-sorveljanza u direzzjoni tal-Perit Arkitett Valerio Schembri, li qed jigi hawn nominat a spejjez tal-konvenut Frank Paul Sammut, ibaxxi l-hajt divizorju ghal-livelli stabbiliti skont it-tieni (2) talba kollox kif indikat f'din is-sentenza.

"4. Tawtorizza lill-atturi sabiex, fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dak lilu ordnat fi zmien qasir u perentorju indikat fit-tielet talba tal-azzjoni attrici, sabiex taht id-direzzjoni tal- Perit Arkitett Valerio Schembri, li qed jigi hawn nominat a spejjez tal-konvenut Frank Paul Sammut, jaghmlu huma x-xoghlijiet mehtiega a spejjez tal-istess konvenut Frank Paul Sammut.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut Frank Paul Sammut."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija kawza fejn l-atturi li huma l-proprjetarji tal-fond bl-isem "Florentina", fi Triq in-Namur, l-Iklin qed jikkontendu li l-hajt divizjorju bejn il-proprjeta' taghhom u dik tal-konvenuti jew min minnom, li tinsab adjacenti ghall-fond taghhom bl-isem "Il-Gnejna", fi Triq in-Namur, l-Iklin, gie moghli mill-konvenuti b'mod esagerat, u dan intiz sabiex jivvessa lill-atturi u xxekkilhom fit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom u ghalhekk giet ezegwita *in mala fede* u b'abbuz ta' dritt li l-konvenuti jippretendu li ghandhom u ghalhekk talbu din id-dikjarazzjoni, u sabiex jigi determinat l-gholi sewwa tal-hajt, u li tali hajt jitbaxxa a spejjez tal-konvenuti jew min minnhom.

"Illi l-konvenuti eccepew li Glorianne Sammut ma hijiex proprjetarja tal-fond u ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju u li x-xogholijiet esegwiti saru skont il-ligi.

"Illi dwar l-eccezzjoni li Glorianne Sammut ma hijiex proprjetarja tal-fond indikat dan jirrizulta ppruvat u ghalhekk l-istess konvenuta qed tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

"Illi dwar il-punt li l-kawza saret kontra Frank Paul Sammut u mhux kontra martu, din il-Qorti, bhala perit legali tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **"Carmel Galea vs Evelyn Jones et"** (P.A. 30 ta' Jannar 2003) fejn inghad li att gudizzjarju jista' jsir kontra parti wahda mizzewga u ma hemm ebda kaz ta' nullita' skont il-ligi. Din il-Qorti taqbel ma' dak konstatat mill-perit legali fuq dan il-punt u jizdied jinghad li ma inghatat ebda eccezzjoni dwar dan il-punt.

"Illi dwar il-merti tal-kawza jinghad is-segwenti:-

"(a) Illi l-ikbar ilment tal-atturi huwa l-gholi tal-hajt bejn il-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet fuq il-parti ta' wara tal-hajt divizorju (Dok. "IKL 01" sa Dok. "IKL 06"), u dan kif riprodotta fuq il-pjanta redatta mill-Perit Tekniku Valerio Schembri (Dok. "A – VS"), fejn jirrizulta li fil-bidu l-istess hajt kien mibni mill-atturi kien ta' erba' filati (fol. 122) u kien baqa' hekk sas-7 ta' Dicembru 2004, izda wara l-istess hajt gie mgholli mill-konvenut ghal gholi ta' 18 sa 20 filata, u dan meta l-Perit Tekniku sostna li f'din il-parti l-gholi ta' 8 filati kellu jkun bizzejjed sabiex jissalvagwardja l-privatezza tal-proprjeta' tal-konvenut (para 02 tal-konluzjonijiet tal-perit tekniku ( fol. 122) tant li huwa sostna li l-istess gholi *"huwa ferm aktar minn dak suggerit ...u effettivament il-hajt in kwistjoni prezentement huwa gholi minn tmintax (18 –il-filata sa ghoxrin (20) filata"* (pagna 22 tar-relazzjoni teknika).

"Illi f'dan l-isfond u wara li din il-Qorti ezaminat ir-rapporti tal-esperti teknici u rat ir-ritratti relattivi, u hadet in konsiderazzjoni x-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet thoss li f'din l-istanza jirrizulta li kif il-konvenut Frank Paul Sammit gholla l-istess hajt dan kien ghal kollox esegerat u fil-kuntest tal-provi prodotti, u l-mod ta' kif giet ridotta l-istess proprjeta' tal-atturi, thoss li l-ezercizzju maghmul mill-konvenut sabiex gholla dan il-hajt kif inghad kien abbuz fl-ezercizzju tad-dritt tieghu sabiex se mai jgholli l-hajt komuni skont l-**artikolu 414 tal-Kap. 16**, b'dan li pero' dan ma jistax isir bla ebda limitu u sabiex jivvesssa t-tgawdija tad-drittijiet tal-proprejatarji l-ohra, f'dan il-kaz l-atturi, sabiex igawdu l-proprjeta' taghhom, u dan ghaliex fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali gholi tal-hajt f'din il-parti hawn ikkunsidrata sar bil-mod kif sar kapriccosament u bi spirtu emulutarju kif deskritt fis-sentenzi **"Attard vs Xeureb"** (A.C. – 7 ta' Dicembru 1993); **"Saliba vs Cassar"** (Q.M. – 30 ta' Ottubru 2000); u **"Raymond u Maris Young vs Joseph u Doris Muscat"** (P.A. – 12 ta' Dicembru 2002) u intiz principarjament jekk mhux esklussivament sabiex jivvessa lill-istess atturi fit-tgawdija tal-proprjeta' taghhom. Hawn issir riferenza ghal dak li nghad fl-affidavit tal-atturi, nkluz kif riportat mill-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu, ix-xhieda tal-Perit Godwin Abela, u wkoll l-osservazzjonijiet li saru fin-nota ta' kritika tal-atturi datata 27 ta' Novembru 2009 u partikolarment fil-paragrafi (i) tal-istess li proprju jittrattaw dan il-punt (fol. 285sa 288) u l-Qorti taddotta l-istess biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn premess u thoss ukoll li tali bini jaffettwa negattivament anke l-valur tal-proprjeta' tal-atturi.

"(b) Illi t-tieni lanjanza tal-atturi hija dwar l-gholi tal-hajt fuq l-*aviary* ta' wara (Dok. "IKL 15" sa Dok. "IKL 20") liema gholi jvarja minn 4 sa 6 filati, din il-Qorti thoss li hawn ukoll l-istess atturi ghandhom ragun ghaliex ma hemmx bzonn tal-istess gholi u dan peress li ma hemm ebda access ghall-istess saqaf fuq l-imsemmija *aviary* u allura lanqas wiehed jista'

jitkellem fuq opra morta (para. 04 tal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku – fol. 123 u 124 tal-process), tant li l-unika access ghalija huwa bis-sellum (kif jidher mir-ritratti) u l-fatt li tali *aviary* giet mibnija skont il-permessi tal-MEPA, ma jfissirx li d-drittijiet tal-proprjetarji ohra ma ghandhomx jigu kkunsidrati **("Josephine Darmanin vs Joseph Camilleri"** (P.A. – 21 ta' Ottubru 2002).

"Illi f'din l-evalwazzjoni hija krucjali l-konkluzjoni tal-perit tekniku li fejn sar il-hajt ma jistax jitqies li huwa *roof garden* kif sostna l-konvenut Sammut, u dan ghaliex ma huwiex tal-kalibru tal-proprjeta' tal-konvenut, u lanqas jaqbel mal-kumplament tal-arredament estern tal-gonna li jiccirkondaw l-istess proprjeta' tal-konvenuti. *"Fir-rigward ta' l-access permezz ta' sellum permanenti...b'kull rispett l-esponenti l-Perit Tekniku jsibha difficli illi jemmen li wiehed jista' jgawdi roof garden meta l-access permanenti ghalih huwa permezz ta' sellum"* (pagna 24 tar-relazzjoni teknika - fol. 124). F'dan l-isfond din il-Qorti thoss li tali gholi tal-hajt fi kwalunkwe kaz jirrizulta li sar b'mod sabiex jivvessa lill-atturi fit-tgwardija tal-proprjeta' taghhom bil-mod kif sewwa gie spjegat mill-atturi u hawn ukoll din il-Qorti thoss li si tratta ta' abbuz ta' ezercizzju ta' abbuz ta' pretiz dritt da parte tal-konvenut a skapitu tal-atturi u allura anke f'dan il-kaz l-allegazzjonijiet attrici qed jigu milqugha.

"(c) Illi fit-tielet kaz indikat mill-atturi relattiv ghall hajt li jifred id-drive way u side garden li jaghti ghall-entratura principali tal-fond ta' l-atturi mill-gonna li jiccirkondaw il-fond tal-kovenuti l-perit ikkonstata li l-gholi tal-istess hajt kif kien qabel ma kienx adegwat u issa kif sar ma jirrizultax li huwa esegerat (para. 01 fol. 22 tar-relazzjoni – fol. 122) u allura f'dan il-kaz l-lanjanza tal-atturi mhux qed tigi milqugha. Huwa relevanti li f'dan il-kuntest l-atturi sostnew li *"ahna ma' oggezzjonawx ghac-cint tad-drive way, l-ghar huwa l-hajt ta' wara".*

"Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha biss fis-sens hawn deciz skont kif inghad fil-paragrafi (a) u (b) tal-konsiderazzjonijiet ta' din is-sentenza."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Frank Paul Sammut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"... ... tirriforma s-sentenza appellata, b'dan illi filwaqt illi tikkonfermaha inkwantu illiberat lil konvenuta Glorianne Sammut mill-osservanza tal-gudizzju, tikkonferma inkwantu cahdet it-talbiet attrici inkwantu jirrigwardaw il-parti tal-hajt li jifred id-*drive-way* u *side-garden* li jaghti ghall-entratura principali tal-fond tal-atturi, izda tirrevokaha mill-bqija u tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati."

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

"... ... tichad l-appell tal-appellant Frank Paul Sammut u b'hekk tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Noel u Marion konjugi Attard v. Frank Paul u Glorianne konjugi Sammut** moghtija nhar it-28 ta' Ottubru tas-sena 2010 fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-partijiet f'din il-kawza huma girien, u bejn il-btiehi rispettivi taghhom hemm hajt divizorju li l-konvenut, kif taghtih dritt il-ligi fl-Artikolu 414 tal-Kodici Civili,

gholla kemm xtaq. L-atturi ghamlu din il-kawza fejn qed jitolbu t-tnehhija tal-gholi peress li jghidu li l-gholi sar b'mod vessatorju, in mala fede u b'abbuz ta' dritt. L-ewwel Qorti sabet favur l-attur, u ordnat li sa fejn il-hajt hu ghola minn tmien filati, dan irid jitnehha.

Il-konvenut appella mis-sentenza u jsostni li dak li ghamel ghamlu bi dritt u bi skop, u mhux biex jivvessa lill-atturi.

Ma hemmx dubju li l-konvenut, bil-ligi civili, ghandu kull dritt li jgholli l-hajt divizorju sa l-gholi li jixtieq. L-Artikolu 414 tal-Kodici Civili jaghti d-dritt lil kull komproprjetarju li jgholli l-hajt komuni. Il-Qorti ta' Cassazione tal-Italja f'sentenza li tat fl-20 ta' April 1963 (n.979) osservat illi *"Il diritto di sopraelevare il muro comune spetta al condominio incondizionamente e senza obbligo di indennizzo, anche' se la sopraelevazione e' tale cha all'altro condominio sia' praticamente impossibile utilizzarla".* Dan id-dritt hu rikonoxxut ukoll mill-gurisprudenza lokali, u l-unika limitazzjoni li jimponu, bir-ragun, hu li dan il-bini m'ghandux isir "kappricosament u bi spirtu emulatorju" – **Attard v. Xuereb** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Dicembru 1993. Il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) f'sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2000 fil-kawza **Saliba v. Cassar** ikkwotat b'approvazzjoni dak li jghid il-Fadda fuq il-kwistjoni; dan jghid li *"l' inalzamento puo' essere vietata in omaggio alla ragione della legge e al principio malitis non est indulgendum, quando esso nel mentre non*

*arricherebbe alcun utile a quelli che lo progetta, non potrebbe a meno di nuocere gravamente al vicino e percio' costituisce nul altro che un atto di emulazione."*

L-istess principji japplikaw anke jekk il-hajt divizorju jappartjeni lil wiehed mill-girien. Dan ma jfissirx, pero`, kif donnhom jissottomettu l-atturi, li d-dritt tal-gar li jgholli l-hajt hu limitat bil-fatt li ma ghandux jimpingi fuq id-drittijiet tal-gar tieghu. L-ewwel gar ghandu dritt jgholli l-hajt kemm jidhirlu opportun, u l-kejl tal-limitazzjoni ta' dan id-dritt mhux il-pregudizzju o meno li jista' jsofri l-gar tieghu, izda hu relatat man-nuqqas ta' utilita` ghal dak li jgholli l-hajt, b'mod li jista' jinghad li l-hajt gie mgholli kappricozament u bi hsieb <u>biss</u> li jivvessa lil gar. Jekk il-gar ghandu skop ghaliex jgholli l-hajt u dan jaghtih xi forma ta' vantagg, allura ghandu l-jedd jezercita d-dritt li taghtih il-ligi, anke jekk il-gar l-iehor isofri pregudizzju. La darba l-ewwel gar ghandu dritt jgholli l-hajt kemm irid, il-gar l-iehor hu obbligat isofri l-ezercizzju ta' dak id-dritt, sakemm ma jippruvax li l-ewwel gar agixxa <u>biss</u> bi spirtu emulatorju.

Mhux kompitu tal-Qorti li tezamina d-decizjoni soggettiva ta' gar li jiddeciedi jgholli hajt, u d-dritt tieghu ma jistax jigi mxekkel ghar-raguni li, skont il-Qorti, l-gholi kien esagerat. F'dan il-kaz, il-hajt kien gholi ta' erba' filati, u l-konvenut ghollieh ghal gholi ta' bejn 18 sa 20 filati, u skont l-ewwel Qorti, 8 filati kienu jkunu bizejjed. Il-konvenut spjega, pero`, li l-hajt riedu hekk gholi peress illi

mal-hajt bena kmamar li jrid juza’ bhala post ghall-ghasafar *(‘aviary’)*. Il-perit tekniku li hatret l-ewwel Qorti spjega li l-post maghzul sabiex jitqieghdu dawn il-kmamar, ghal dak li jirrigwarda l-interess tal-konvenut, *“huwa l-aktar wiehed propizju”*. Dan il-hajt hekk gholi sar ukoll sabiex ir-*roof garden* li bnew ikollu opramorta ghas-sigurta`. Il-konvenut bena l-hajt b’mod biex, kemm jista’ jkun, ma jnaqqasx mill-veduta li l-fond tieghu jgawdi tal-wied, haga li ghandu dritt li jaghmel. Il-konvenut, ghalhekk, bena l-hajt a gosti tieghu u skont l-esigenzi tieghu, u bl-ebda mod ma jista’ jinghad li bena l-hajt semplicement biex jivvessa lill-atturi. Il-hajt gholi huwa ta’ utilita` ghalih, u l-atturi ma ghandhomx dritt izommu l-izvilupp li ghamel il-konvenut bl-iskuza li l-valur tal-proprjeta` taghhom giet mnaqqsa u tnaqsitilhom il-veduta li qabel kienu jgawdu. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Grima v. German** deciza fl-24 ta’ Settembru 2004, fin-nuqqas ta’ prova da parti tal-atturi ta’ servitu` favur taghhom, kellu jibqa vigenti d-dritt tal-konvenut koncess bil-ligi li jinnalza l-hajt divizorju. Il-konvenut wera li jrid ikompli jizviluppa l-*area* ta’ madwar il-guva, u ghal dan il-ghan ghandu bzonn hajt l-gholi li ghamlu.

Kif qalet il-perit legali, ukoll mahtura mill-ewwel Qorti, u li sabet kontra t-tezi tal-atturi, mill-provi ma jirrizultax li qatt kien hemm xi forma ta’ glied u pika bejn il-partijiet qabel ma saret il-kostruzzjoni relattiva. Hi osservat li:

> *“… ssibha aktar u aktar difficli illi temmen illi l-konvenuti stenbhu jum fost l-ohrajn u ddecidew, b’mala fede, illi jaghmlu vendikazzjoni lill-girien taghhom billi*

> *jibnu guva unikament u esklussivament sabiex ihassrulhom parti mill-veduta illi l-atturi kienu jgawdu qabel."*

Il-gurisprudenza hi fis-sens li min irid jgholli hajt divizorju ma jiddependix mill-kunsens tal-vicin l-iehor, ghaliex il-ligi ma tghidux, u la ma tghidux ma tridux – **Micallef v. Fava**, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Settembru 2006. Il-limitazzjoni ghal dan id-dritt assolut hija dipendenti fuq prova li l-innalzament tal-hajt huwa imotivat biss minn spirtu emulatorju jew vessatorju – **King v. Galea et**, deciza minn din il-Qorti fit-8 ta' Jannar 2010. L-atti emulativi, jinghad fil-kawza **Bonello Du Puis v. Bonnici**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fit-22 ta' April 2009, b'approvazzjoni ghal dak li gie deciz fl-Italja:

> *"sono caratterizzati dallo scopo esculsivo di nuocere, o di recare molestia ad altri; si e` al di fuori dell'ipotesi dell'atto di emulazione, nel caso un cui il proprietario, che l'atto ha compiuto, si proponga di trarne un vantaggio apprezzabile, come, nel caso della comunione forzosa del muro sul confine, il vantaggio di fare del muro stesso qualunque uso compatibile con la sua natura e con I diritti del vicino, fra I quali usi rientra anzitutto quello di servirsi del muro come recinzione del proprio fondo. (Cass.; 12 Ottobre 1960, n. 2670, Giust. Civ., Mass, 1960, 1015) (p. 588)."*

Fil-prezenti kawza ma jirrizultax li l-hajt ittella bl-iskop *"esculsivo di nuocere, o di recare molestia ad altri"* u darba jirrizulta vantagg ghall-konvenut bl-gholi tal-hajt, dak li ghamel jaqa' li jkun ikkunsidrat ghemil fil-limiti tal-jeddijiet tieghu u ma jistax jitwaqqaf.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut Frank Paul Sammut billi tilqa’ l-istess, tirrevoka u thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti, u tghaddi biex tichad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-atturi appellati in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------